MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2011

Numru. 259/2011

Il-Pulizija
(Sp Mario Haber)
vs
Kenneth Ogie, iben Ogie, imwieled f'Edo State, Nigerja fil-5 ta' Diċembru, 1990, Karta ta' l-Identita numru 09B-123

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fl-4 ta' Frar, 2011 u fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f'permess għar-residenza jew uża jew kellhhu fil-pussess tiegħu permess għar-residenza li hu kien jaf li ġew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom f'isem Christian Joseph bin-numru E13161445;
2. talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użi minn xi dokumenti oħra ffalsifikati fid-dokumenti fuq imsemmija;

3. talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostamzi fflasifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew reġistrazzjonijiet magħmula skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Frar, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(d) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------